MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1117/2005

**Dr. Michelle Tabone (138371M) fil-kwalita taghha ta' ekonomu
ta' Monsinjur Arcisqof Amministratur tal-Beni ta' l-Entitajiet
religjuzi Djocesani kollha ta' Malta fosthom
il-Media Centre**

**Vs**

**Dormax Press Company Limited (C-26512)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija w erbgha u sebghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm674.82c) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' stampar maghmul fil-Media Centre Print fuq ordni tas-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn qalet li t-talba hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Alfred Caruana li qal li s-servizz inghata fl-2002. Kien hemm diversi *jobs* separati u kull darba tinhareg invoice. Is-socjeta' konvenuta kienet ghamlet zewg pagamenti izda imbaghad ma hallsux izjed.

Alfred Caruana qal li kien icempel lis-socjeta' konvenuta u s-socjeta' konvenuta qatt ma qalet li mhix se thallas.

Fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2005 il-partijiet iddikjaraw li l-pagament datat 19 ta' Jannar, 2004 li jidher a fol 12 tal-process ma kienx pagament *on account* ta' l-ammont mitlub f'din il-kawza.

Michael Micallef xehed li s-socjeta' konvenuta kienet taghti l-oggett stampat lill-Media Centre li kienet taghmel *over printing* ta' *hot point process*. Michael Micallef qal li hu m'accettax ix-xoghol u qatt ma pprometta li jhallas ghax-xoghol. L-ahhar pagament li sar kien fit-12 t'Awissu, 2002. Fil-kontro-ezami meta gie mistoqsi jekk bejn Awissu 2002 sa meta rcieva l-Ittra Ufficjali kienx hemm xi komunikazzjoni bejn il-Media Centre u s-socjeta' konvenuta Micallef qal li hu ma jiehux hsieb l-*accounts* u ma kienx kellem lill-Media Centre f'dan il-perjodu. Is-socjeta' konvenuta kienet gabret ix-xoghol. Micallef qal ukoll li s-socjeta' konvenuta rrifjutat li thallas ghaliex il-Media Centre talbu *double payment* ghax qalu li hadu iktar xoghol. Wara din il-kwistjoni s-socjeta' konvenuta kienet tat iktar xoghol lill-Media Centre.

**Ikkunsidra**

Illi l-uniku eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta hi l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jipprovdi li:

"Actions of tailors, shoemakers, carpenters, masons, whitewashers, locksmiths, goldsmiths, watchmakers and other persons exercising any trade or mechanical art for the price of their work or labour or the materials supplied by them…are barred by the lapse of eighteen months."

Illi certament l-Ittra Ufficjali ntbaghtet wara li ghaddew tmintax-il xahar.

Illi l-Media Centre tissottometti li dan l-Artikolu ma japplikax ghall-kaz in kwistjoni.

Illi skond l-Avviz il-Media Centre qieghda titlob hlas ghal xoghol ta' stampar.  A fol 12 tal-process hemm indikazzjoni tax-xoghol li sar li jinkludi *pockets*, *letterheads*, *business cards*, *certificates* u *hotfoil printing*.

Fil-kawza **Langdale Vs Jon David Limited - Appell PS deciza fit-3 ta' Novembru, 2004** intqal:

"Kif spjegat mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza riportata a Vol. XLII P. III p. 1151 il-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148(a) tapplika ghall-krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom, filwaqt li fil-kaz ta' l-Artikolu 2149(a) il-preskrizzjoni tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li aktar minn opra, jipprestaw xoghol – opus – minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet."

Fil-kawza riportata a **Vol. XXXVIII P. III. P. 710** intqal:

"Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan…u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri taghhom jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal *locatio operis* li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta'

mezzi teknici li timprimi lil lokazzjoni l-karattru ta’ att oggettivament kummercjali.”

It-Tribunal jara li l-fattispecji ta’ dan il-kaz partikolari, in vista tal-prova aktar ‘il fuq espressa, ma jirrientrawx taht il-kappa tas-subinciz (a) ta’ l-Artikolu 2148. Illi l-ftehim bejn is-socjeta’ konvenuta u l-Media Centre kien ftehim fejn hemm prevalenti l-karattru ta’ spekalaturi, dan ukoll ghaliex is-socjeta’ konvenuta kienet imbaghad tbiegh il-prodott lil terzi.

Illi m’hemm l-ebda eccezzjoni ohra.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi ta’ l-Artikolu 2148(a) u jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax legali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------